MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Numru 342/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Alexander Mallia**

**ID 399474(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Alexander Mallia bin John Mary u Elizabeth nee` Connor, imwieled il-Pieta’ nhar l-24 ta’ Gunju

1974 u residenti gewwa 51, Flat 2, Triq Carmelo Schembri, Mosta u/jew 10, Tul il-Kosta, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita' numru 399474(M);

a) Akkuzat talli nhar l-24 ta' Marzu 2015 u fix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, ikkometta serq minn residenza No. 51, Flat 1, Triq Carmelo Schembri, Mosta ghad-detriment tal-konjugi Franz u Dorianne Brincat, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn €232.94 u mhux izjed minn €2329.27, bil-mezz u bil-lok (Artikoli 267, 263, 269, 18 tal-Kap. 9);

b) Akkuzat talli fl-istess dati, hin u lok u cirkostanzi xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom (Artikolu 334 tal-Kap. 9);

c) Akkuzat talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi malli sar jaf li l-haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt (Artikolu 334A tal-Kap. 9);

d) Akkuzat talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi kkommetta vjolazzjoni kontra l-propjeta ta' haddiehor (Artikolu 340 tal-Kap. 9);

e) Akkuzat talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi kkommetta reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi (Artikolu 141 tal-Kap. 9).

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat;

Rat ukoll illi waqt l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-

Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt li mill-ewwel ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, il-fedina penali tieghu li hija wahda netta, kif ukoll illi parti kbira mir-*res furtiva* giet ritornata u li l-imputat qed jobbliga ruhu li jaghmel tajjeb u jhallas l-ammonti dovuti lill-vittmi kollha tar-reat. Qieset ukoll illi l-Prosekuzzjoni m'hijiex tinsisti dwar piena ta' prigunerija effettiva, izda ssottomettiet illi fid-dawl tas-suespost, piena ta' prigunerija sospiza, fil-massimu taghha, tkun piena idonea. Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz is-serjeta` tal-kaz odjern, rez izjed serju bil-fatt illi l-imputat huwa ufficjal tal-pulizija u wara li qieset ukoll illi l-piena applikabbli ghandha tizdied bi grad ai termini tal-Artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taqbel illi piena ta' prigunerija sospiza, fil-massimu taghha, hija piena idonea, b'dan illi l-Qorti qeghda tordna wkoll illi l-imputat jigi segwit minn Ufficjal Sorveljanti ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 141, 261(b), (c) u (e), 278(3), 279(a), 280(2), 281, 334A u 340 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq

ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' **sentejn prigunerija**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tigi **sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum**.

Stante illi din giet iddikjaratha mill-Prosekuzzjoni bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet indikati fl-istess Ordni ta' Supervizjoni hawn anness, liema Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

In oltre a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda wkoll tordna lill-hati sabiex fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, huwa jhallas is-somma ta' sitt mija u hamsin Euro (€650) lill-konjugi Franz u Dorianne Brincat, is-somma ta' hamsin Euro (€50) lil Martin Agius u s-somma ta' sitt mija, hamsa u disghin Euro (€695) lil Maria Geraldine Farrugia.

Il-Qorti wissiet lill-hati, bi kliem car u semplici, bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, kif ukoll jew huwa jonqos milli jikkonforma mal-kundizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Supervizjoni matul il-perjodu operattiv tal-istess Ordni u in oltre kemm il-darba huwa jonqos milli jikkonforma ruhu mad-direttiva dwar il-hlas lill-vittmi tar-reat.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole.*

Tordna li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali flimkien ma' kopja tas-sentenza, fit-terminu moghti mil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------